MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 1254/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI**
**VS**
**ALSHIBANI BAHAEDDIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alshibani Bahaeddin ta’ 24 sena iben Mohammed u Lajla xebba Omran, imwieled Tripoli fl-20 ta’ Settembru 1985 u bla indirizz fiss u detentur ta’ Passaport Libjan bin-numru 352207(M);

Illi huwa akkuzat talli fl-24 ta’ Novembru 2010 f’dawn il-Gzejjer gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 8 (2) u 8 (3) ta’ l-Att 25 ta’ l-2001 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta' l-imputat (a fol.3) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Alshibani Bahaeddin**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 8 (2) u 8 (3) ta' l-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena u tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u erbghin Euro (€240).**

In oltre', tordna l-konfiska ta' l-annimali u t-tjur misjuba fil-pussess ta' l-imputat u tordna li dawn jigu mghoddija lill-Ufficjali ta' l-*Animal Welfare* sabiex jigu rilaxxati u mghotija l-liberta'.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------